MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 74/2022 LM

**Ekogiawe Johnbull Ibrahim**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-13 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-

rikorrent **Ekogiawe Johnbull Ibrahim**, hawnhekk 'l-appellat', u rrevoka d-deċiżjoni tal-intimata tal-25 ta' Novembru, 2021.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent kellu *status* ta' *Temporary Humanitarian Protection New (THPN),* li kien *status* speċjali li beda jingħata fis-sena 2010 lill-*failed asylum seekers,* u għalhekk l-intimata kienet ħarġet permess ta' residenza lir-rikorrent abbażi ta' Protezzjoni Internazzjonali / Umanitarja, wara li dan applika għaliha fl-4 ta' Lulju, 2014. Dan il-permess tar-rikorrent baqa' jiġġedded sena wara sena. Fis-sena 2018, l-*istatus* ta' THPN inbidel bil-*Policy Regarding Specific Residence Authorisation (SRA),* u bis-saħħa ta' din il-*policy* l-ġdida, dawk kollha li kellhom *status* ta' THPN taħt is-sistema preċedenti, ingħataw *status* ta' SRA għal perijodu ta' sentejn, mingħajr il-ħtieġa li jsir eżami individwali ta' kull applikazzjoni, u dan sabiex jiġi evitat li persuna ssib ruħha mingħajr *status* minħabba t-tibdil fil-*policy.* F'dan il-każ speċifiku, ir-rikorrent għamel użu minn dan il-benefiċċju, u ssottometta applikazzjoni fis-26 t'Awwissu, 2019, sabiex l-*istatus* tiegħu ta' *THPN* jiġi mibdul għal *SRA*, u din l-applikazzjoni tiegħu kienet intlaqgħet. Il-*policy* tal-SRA ġiet aġġornata f'Ottubru tal-2020, u l-*policy* l-ġdida tgħid li "*existing applications will continue being renewed in line with this document".* Din il-klawsola ġiet interpretata mill-intimata bħala li l-kriterji tal-*policy* kif aġġornata ser jibdew jiġu applikati għal kull applikazzjoni eżistenti, anki f'każijiet fejn ir-regoli taħt il-*policy* l-ġdida jkunu aktar onerużi għall-applikant. Meta lir-rikorrent kienu ser jgħaddulu s-sentejn ta' validità awtomatika wara li ngħata l-*istatus* tal-SRA l-ewwel darba, fl-10 ta' Settembru, 2021 huwa ppreżenta applikazzjoni għat-tiġdid tal-istess *status,* iżda l-intimata

kienet qegħda tapplika l-*policy* l-ġdida għal applikazzjonijiet bħal tiegħu, bir-riżultat li l-intimata ddeċidiet li huwa ma kienx għadu jikkwalifika għal dan l-i*status*.

**Mertu**

3. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent fil-25 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi miċħuda għaliex fil-passat huwa kien ġie misjub ħati ta' reat kriminali. L-intimata spjegat li meta talbet il-fedina penali tar-rikorrent, irriżultalha li fis-sena 2011 huwa kien ġie misjub ħati ta' reat kriminali u ġie kkundannat sentejn ħabs, sospiżi għal erba' snin, u fid-dawl ta' dan irrifjutat li ġġedded l-i*status* tal-appellat.

4. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord, fejn spjega li huwa kien wasal Malta min-Niġerja fl-2008, u ftit wara l-wasla tiegħu f'Malta huwa kien applika għall-ażil. Qal li oriġinarjament huwa kien ingħatat *Temporary Humanitarian Protection (THPN) status,* li baqa' jiġġedded sena wara sena, u fl-2009 huwa ngħata sentenza ta' ħabs għal reat minuri. Qal li wara dak l-episodju huwa qatt ma reġa' tressaq jew ġie akkużat b'xi reat ieħor, u fil-fatt fl-2012 huwa kien beda jaħdem ma' kumpannija tal-għamara, fejn għadu jaħdem sal-lum. Ir-rikorrent spjega li huwa qiegħed f'relazzjoni stabbli li minnha twieldet tifla fit-13 ta' Lulju, 2018, u fl-2019 huwa ngħata *Specific Residence Authorisation* (*SRA status*) li kellha tiġġedded fit-23 ta' Ottubru, 2021. Qal li meta fl-10 ta' Settembru, 2021 applika biex iġedded dan il-permess, huwa ġie infurmat li dan il-permess ma setax jiġġedded minħabba s-sentenza li kien ingħata fil-passat. Ir-rikorrent spjega li huwa kien wasal Malta b'mod irregolari

fl-2008, u baqa' preżenti f'Malta għall-ħames snin qabel inħareġ l-SRA *status.* Qal li tul dawn is-snin, huwa għamel diversi sforzi sabiex jintegra fil-komunità Maltija, sab impjieg, attenda għal numru ta' korsijiet, u anki fforma familja. Qal li dawn il-fatturi għalhekk jindikaw li huwa qiegħed jikkontribwixxi b'mod attiv għas-soċjetà Maltija u bena ħajtu f'Malta. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa persuna ta' kondotta tajba, u qatt ma ngħata sentenza għal xi reat serju, jew huwa meqjus li huwa ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, għall-ordni pubblika u/jew għall-interess pubbliku. Qal ukoll li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom huwa ngħata *THPN status* bejn l-2012 u l-2019, u l-SRA bejn l-2019 u l-2021, baqgħu mhux mibdula, jiġifieri li huwa daħal f'Malta b'mod irregolari, li l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil ġiet rifjutata, u li huwa ma jistax jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu għal raġunijiet mhux imputabbli lilu. Ir-rikorrent qal li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-*SRA status* ma ħax konjizzjoni tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha li jiċċirkondaw dan il-każ, u l-intimata naqset milli teżerċita d-diskrezzjoni neċessarja, b'tali mod li kien hemm abbuż ta' poter f'dan l-eżerċizzju. Qal li l-intimata kellha l-obbligu li taġixxi *in buona fede* u li tieħu konsiderazzjoni tal-fatti rilevanti kollha qabel tagħti d-deċiżjoni tagħha fir-rigward, partikolarment tal-fatt li r-rikorrent għamel diversi sforzi biex jintegra fil-komunità Maltija, u li huwa qatt ma nstab ħati ta' reati serji jew huwa meqjus ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, għall-ordni pubblika jew għall-interess pubbliku. Qal li għalhekk ir-rifjut tal-intimata li ġġeddidlu l-*SRA status* jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Żied jgħid li ċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu tammonta

għal ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, għaliex id-deċiżjoni finali ttieħdet abbażi ta' konsiderazzjonijiet irrilevanti.

5. L-intimata fir-risposta tagħha qalet li l-Bord m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jiddetermina l-appell intavolat mir-rikorrent dwar id-deċiżjoni tagħha li ma ġġeddidx il-permess ta' residenza skont il-*Policy regarding Specific Residence Authorisation,* għaliex l-*SRA* mhuwiex permess ta' residenza maħruġ *ai termini* tal-artikolu 25A(1)(ċ) u 25A(5) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Żiedet tgħid li mingħajr preġudizzju għal dan, fil-21 ta' Diċembru, 2021, hija talbet lis-segretarjat tal-Bord jgħaddilha s-sottomissjonijiet li saru mir-rikorrent rigward dan l-appell, iżda r-rikorrent naqas milli jispeċifika liema huma l-aggravji li fuqhom kien qiegħed isejjes l-appell tiegħu, u għalhekk hija kellha diffikultà meta ġiet biex tirrispondi għar-rikors tal-appell li r-rikorrent ressaq quddiem il-Bord. L-intimata qalet ukoll li filwaqt li l-ittra bid-deċiżjoni ta' rifjut tagħha ntbagħtet lir-rikorrent fil-25 ta' Novembru, 2021, dan intavola l-appell tiegħu fl-10 ta' Diċembru, 2021, u għalhekk dan l-appell huwa *fuori termine,* għaliex skont l-artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, ir-rikorrent kellu tliet ijiem ta' xogħol biex jintavola r-rikors tal-appell tiegħu. Qalet ukoll li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova sabiex juri li l-ittra ta' rifjut ingħatatlu f'data oħra għajr dik li tidher fuq l-ittra ta' rifjut. L-intimata kompliet tispjega li r-rikorrent fl-4 ta' Lulju, 2014 kien ressaq applikazzjoni sabiex jingħata permess ta' residenza, u dak iż-żmien huwa kien ingħata permess ta' residenza għal raġunijiet ta' Protezzjoni Umanitarja. Kompliet tgħid li r-rikorrent baqa' jġedded dan il-permess ta' kull sena, sakemm fl-2018 il-Gvern nieda l-*Policy regarding Specific Residence Authorisation (SRA),* li kienet maħsuba sabiex tibdel il-*policy* tal-2010. Qalet li fl-2018, għall-ewwel darba l-Kummissarju tar-Refuġjati ta l-

*SRA status* għal perijodu ta' sentejn lil dawk il-persuni li kellhom THPN *status,* mingħajr il-ħtieġa li ssir verifika fir-rigward ta' kull individwu. Spjegat li r-rikorrent ressaq l-applikazzjoni tiegħu fis-26 t'Awwissu, 2019 sabiex tiġi mġedda. Kompliet tispjega li f'Ottubru tal-2020, il-Gvern ta' Malta ppubblika verżjoni aġġornata tal-*policy,* u qalet li kemm l-applikazzjonijiet ġodda, kif ukoll l-applikazzjonijiet għal tiġdid bħal ma kienet dik tar-rikorrent, li kienu riċevuti mill-intimata wara li l-*policy* ġiet aġġornata, kellhom jiġu deċiżi skont ir-rekwiżiti tal-*policy* aġġornata. L-intimata spjegat li l-kriterji ta' skwalifika nbidlu, u filwaqt li skont il-*policy* tal-2018, sabiex persuna ma tingħatax l-*SRA status* hija kellha tkun misjuba ħatja li wettqet reat serju, jew kellha titqies li hija ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, l-ordni pubblika u/jew l-interess pubbliku[1], il-*policy* tal-2020 tistipula li sabiex persuna tkun eliġibbli biex ikollha l-*SRA status* imġedded, l-applikant ma jridx ikun instab ħati tal-ebda reat, u ma jridx ikun ingħata sentenza ta' priġunerija għal aktar minn tnax-il xahar f'Malta jew barra minn Malta.[2] Qalet li għalhekk fid-determinazzjoni tal-applikazzjonijiet li kellha quddiemha, hija kellha tara jekk persuna kinitx instabet ħatja ta' xi reat għall-perijodu indikat fil-*policy,* f'liema każ il-persuna tkun awtomatikament skwalifikata.

6. L-intimata qalet li hija kienet għalhekk obbligata li tikkonsulta mal-awtoritajiet tal-Pulizija u li tikseb il-fedina penali tal-applikant qabel tiddeċiedi jekk għandhiex tagħti l-*SRA status* mitlub. Qalet li fil-każ odjern il-Pulizija

[1] "*Persons who have been convicted of serious crimes, or are otherwise considered to be a threat to national security, public order and/or public interest shall not be granted a Specific Residence Authorisation.*"

[2] "*Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status. The Police Authorities shall be consulted to advise on the Fedina Penali of each applicant before an SRA status is granted.*"

kkonfermat li r-rikorrent kien ingħata sentenza ta' priġunerija, u għalhekk huwa mhuwiex eliġibbli biex jingħata l-i*status* li applika għalih.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Ġunju, 2022, il-Bord iddeċieda li għandu jirrevoka d-deċiżjoni tal-intimata tal-25 ta' Novembru, 2021, u jilqa' l-appell intavolat mir-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 25th November, 2021, the appellant was informed taht his application for Specific Residence Authorisation (SRA) had been rejected "...* In view of your past criminal conviction ...";

*Saw the appeal registered on 10th December, 2021 ; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 27th January, 2022.*

***2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*a. <u>Competence of this Board</u>*

*In the first paragraph of its reply, the Agency argued that this Board lacks competence as the appealed decision is one taken by the Agency according to some policy and was not an appeal against a decision refusing a residence permit.*

*The Board disagrees with the Agency's position. The appellant applied for a status called "Specific* ***Residence*** *Authorisation" (emphasis added by the Board). This renders SRA status a form of residence permit under Article 7 of the Immigration Act. The Board considers it necessary to make this connection between the relative policy documents and the law as the 2018 policy and the 2020 policy, both attached to the Agency's reply, both fail to refer to any primary or subsidiary legislation which serves as the basis for the policy. However, a policy cannot stand in a vacuum. It must somehow be linked to legislation and must serve to flesh out and explain how the provisions of a certain piece of primary or subsidiary legislation are to be implemented. In this case, the Minister's vires to enact such a policy emanates from his powers under Article 7(1) of the Immigration Act ("...* the Minister may issue, subject to such conditions as he may deem proper to establish ..."). *Therefore, any decision taken by the Agency, insofar as it affects the status of third-party nationals, may be appealed before this Board.*

*It must further be noted that neither the policy enacted in 2018 nor the updated policy enacted in 2020 state that the Agency's decisions under those policies are not appealable or that this Board shall not have competence to hear and determine appeals against those decisions. Even if any subsequent policy were to say that, it is humbly posited that such a pronouncement may well run counter to law and case-law related to fundamental human rights.*

*If one were to adopt the Agency's reasoning, one could state that this Board lacks competence to decide appeals related to applications for residence permits on the basis of economic self-sufficiency, as there seems to be no piece of primary or subsidiary legislation which specifically regulates residence permits on the basis of economic self-sufficiency. The Board recognises that just as the Agency, out of necessity, developed various kinds of residence permits to deal with the variety of situations applicants encounter, then so too does this Board's competence develop in a similar manner.*

*Therefore, the Board rejects the argument contained in the first paragraph of the Agency's reply and declares that in fact, it does have competence to hear and determine the appeal.*

*b. The content of the second, third, and fourth paragraphs of the Agency's reply*

*The Agency stated that on 21st December, 2021, it asked the Board's secretariat to forward all the appellant's submissions regarding the appellant's appeal. However, for some reason, the Board's secretariat only sent documentation pertaining to a completely different case.*

*The Board saw the relative email exchange which was attached to the Agency's reply.*

*On the basis of the secretariat's alleged failure to send a copy of the appellant's appeal, the Agency stated that it could not be expected to file a proper reply without having seen the appeal. Consequently, it assumed that the appellant had in fact filed no proper appeal and asked this Board to declare the said appeal null.*

*The Board notes, however, that in any case, the Agency did manage to explain the iter of the appellant's situation. Furthermore, whatever may have happened between the Board's secretariat and the Agency, the Agency's legal counsel always had the option to visit the Board's secretariat in person and to see the case file. This would have proved rather easy, as whenever either division of this Board holds sittings, the Agency's legal counsel would be on the Board's premises at least once a week.*

*b. The merits*

*As to the merits of the case, the Agency explained as follows:*

- *The appellant first applied for a residence permit on the basis of international/humanitarian protection on 4th July, 2014, which application was accepted and consequently, protection was granted to the appellant;*
- *That the appellant had had his protection renewed yearly;*
- *That following publication of the relative policy in 2018, the appellant applied on 26th Augustr, 2019 for renewal of his temporary humanitarian protection (THPN) status and conversion to SRA status, which application was accepted and consequently, a document was issued to the appellant which was valid for two years;*
- *That however, in October 2020, an updated SRA policy was issued. According to the updated policy, the appellant was considered disqualified under the disqualification criteria as he had been convicted of a criminal offence in the past.*

***At this point, the Board notes that the Agency presented no informal or authenticated copy of any judgment of any court, no occhio of any case and no date on which any judgment of a criminal nature was allegedly issued against the appellant.***

- *That on 10th September, 2021, the appellant submitted an application for renewal of his SRA status, which application, in line with the 2020 policy, required the Malta Police Force to advise on the appellant's criminal record (fedina penali).*
- *That consequently, the appellant was considered disqualified.*

*At this juncture, the Board, supported by the reasoning of the Court of Appeal in **Fabio Vespa vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** (decided on 12th July, 2019), carried out a search of the online eCourts database and found no judgments bearing the appellant's name.*

*The Board observes that it is up to the Agency to prove that which it alleges by at least providing an informal copy of the judgment against the appellant. Of course, an authenticated copy of the judgment would be far better.*

*The Agency is only saved as the appellant, in his appeal, confirmed that he had been convicted of a criminal offence in 2009.*

*The Board cannot help but observe that the Agency is basing its decision on a conviction handed down **thirteen years ago** which, if one were to apply the provisions of the Conduct Certificates Ordinance, would be expunged from the appellant's conduct certificate if he were to file an application before the Court of Magistrates for that purpose. In fact, the appellant presented a clean conduct certificate dated 7th December, 2021.*

*The Agency admits that for several years, between the appellant's first application in 2014 and his most recent application in August 2021, he had enjoyed THPN status and subsequently SRA status. It was only after the 2020 policy came into force that his application for renewal of SRA status was rejected. The Board finds it utterly ridiculous that it is on the basis of a thirteen-year old conviction which resulted in a suspended sentence that the appellant is being denied **renewal** of his SRA status. The Board is expected to believe that it is now, after several years, the competent authorities suddenly realised that the appellant was once convicted of a criminal offence and is therefore now considered an undesirable presence.*

*The Board, however, shall delve further into the disqualification criteria in the 2020 policy.*

*The section of the "*Policy regarding Specific Residence Authorisation – Updated policy – October 2020" *titled "*Disqualification criteria", *states:*

*"*Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a

Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one (1) year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status."

*As the Agency itself provided no actual evidence of a criminal conviction, the first part of the disqualification criteria cannot be applied.*

*The second part of the disqualification criteria refers to an "*applicant for the status". *This means that in order for the second part to apply, he must have been found guilty and sentenced to imprisonment, whether effective or suspended,* ***when he would already have applied for SRA status*** *(or in this case, for renewal thereof). In this case, the appellant was allegedly convicted long before he applied for SRA status.*

*Therefore, for all the reasons stated, hereinabove, the Board shall revoke the Agency's decision and shall accept the appellant's appeal.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

8. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-20 ta' Ġunju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar Immigrazzjoni tat-13 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet premessi, u minflok tikkonferma d-deċiżjoni tal-intimata, hawnhekk appellanta, tal-25 ta' Novembru, 2021, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

9. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, u fl-ewwel aggravju tagħha qalet li l-Bord m'għandux il-kompetenza jisma' l-appell imressaq mir-rikorrenti, l-appellat f'din l-istanza. Spjegat li skont l-artikolu 25A tal-Kap. 217, il-Bord għandu kompetenza jisma' u jiddeċiedi appelli jew

applikazzjonijiet *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 jew tar-regolamenti magħmula taħtu, u dan il-każ jittratta *policy* li nħolqot minn Identity Malta, li la hija disposizzjoni tal-Att, la hija disposizzjoni ta' regolament magħmul taħtu, u lanqas hija disposizzjoni ta' xi liġi oħra. Qalet ukoll li skont il-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* il-leġislatur ma riedx li l-Bord ikollu kompetenza oltre dik stipulata fl-artikolu 25A(1)(ċ) tal-Kap. 217. L-appellanta għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie stabbilit li fejn il-leġislatur speċifika parametri b'mod skjett u mingħajr ma ħalla lok għal xi interpretazzjoni differenti, il-partijiet għandhom jirrispettaw dawk il-parametri.

10. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa li t-terminu impost bl-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 ma ġiex rispettat, u għalhekk l-appell quddiem il-Bord sar tardivament. Għalhekk, saħqet l-appellanta, l-appell tar-rikorrenti ma kellux jitqies fil-mertu. L-appellanta spjegat li r-rikors tal-appell ġie intavolat fl-10 ta' Diċembru, 2022, filwaqt li d-deċiżjoni ta' Identity Malta Agency ingħatat fil-25 ta' Novembru, 2021. Qalet li minkejja li hija qajmet din l-eċċezzjoni quddiem il-Bord, dan ma ħax konjizzjoni tagħha fid-deċiżjoni tiegħu. Żiedet tgħid li l-Bord għandu japplika l-liġi bl-istess mod u manjiera fil-konfront ta' kull parti li tidher quddiemu, u għalhekk dan m'għandux jadopera kejl differenti bejn parti u oħra bil-ħsieb li 'jsalva' xi applikazzjoni.

11. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord ma messu qatt aċċetta l-appell intavolat mill-appellat. Qalet li sabiex iressaq appell mid-deċiżjoni tal-appellanta quddiem il-Bord, l-appellat ippreżenta formola li permezz tagħha informa lis-Segretarju tal-Bord li kien fi ħsiebu jappella. Qalet li din il-formula la

hija rikors ta' appell, la fiha aggravji u lanqas ma fiha r-raġunijiet li fuqhom l-appellat qiegħed jibbaża l-appell tiegħu. Qalet li l-Bord m'għandux biss ikun prattiku, iżda għandu jara li kull parti jkollha l-istess opportunità skont il-liġi. L-appellanta qalet li l-fatt li r-rappreżentanti legali tagħha jistgħu jaraw il-*case file* tal-appellat meta jidhru quddiem il-Bord, ma jfissirx li l-Bord m'għandux jgħaddi kopja tas-sottomissjonijiet meta mitlub sabiex hija tkun tista' twieġeb għall-appell kontriha. Qalet li hija sabet ruħha fi żvantaġġ evidenti għaliex hija ma ġietx mgħarrfa bir-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat dan l-appell. Qalet li il-Bord kellu tal-anqas jgħarrafha li saru s-sottomissjonijiet bil-miktub sabiex hija tkun tista' tiċċekkja l-*file* in kwistjoni. Qalet li għalhekk il-formula intavolata mill-appellat lis-Segretarju tal-Bord ma kellhiex titqies bħala appell validu, għaliex ma kinitx tipprovdi l-bażi u l-aggravji tal-appell, tant hu hekk li hija kellha diffikultà biex twieġeb, u għalhekk il-Bord kellu jqis l-appell ippreżentat mill-appellat bħala null u mingħajr effett. L-appellanta saħqet li jekk din il-Qorti ma tqisx li l-appell tal-applikant huwa null, għall-inqas għandha tingħata ordni li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex hija tkun tista' tressaq id-difiża tagħha għall-aggravji tardivi mressqa mill-appellat. L-appellanta qalet li dan huwa punt kardinali, għaliex filwaqt li quddiem il-Bord jitqajmu punti kemm ta' natura legali kif ukoll ta' natura fattwali, din il-Qorti ma tagħmilx reviżjoni ta' punti ta' natura fattwali.

12. Ir-raba' aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord għamel applikazzjoni ħażina tal-*policy* maħruġa mill-Gvern ta' Malta fl-2020, u qalet li f'dan ir-rigward il-Bord għamel żewġ żbalji. Fl-ewwel lok, il-Bord qies li huwa redikolu li s-sentenza mogħtija diversi snin ilu fil-konfront tal-appellat għandha taffettwa l-iskwalifika tiegħu, u żied jgħid li ma jemminx li l-appellanta saret taf b'din is-

sentenza proprju issa. Qal ukoll li l-Bord ikkonsidra li l-applikant ma kienx jissodisfa t-termini ta' skwalifika ta' din il-*policy.* L-appellanta spjegat li l-*policy* saret u ġiet imfassla mill-Gvern ta' Malta, u hija għandha biss il-mansjoni li tapplikaha. Qalet ukoll li hija m'għandhiex il-mansjoni li tiddeċiedi x'għandu jkun inkluż fil-*policies* imfassla mill-Gvern. L-appellanta qalet li l-Bord m'għandux il-funzjoni li jikkrea, jirregola jew iġebbed il-*policies* li jinħarġu mill-Gvern ta' Malta, u għalhekk hija ma tistax taqbel ma' dak li ntqal fid-deċiżjoni tal-Bord, jiġifieri li tagħmel xi differenza jekk il-kondotta tal-applikant hijiex nadifa jew le, u li huwa 'redikolu' li l-applikant ġie mċaħħad mit-tiġdid tal-permess ta' residenza minħabba sentenza li ngħatat diversi snin ilu. Qalet li dan imur kontra l-kliem tal-*policy,* li fl-ewwel lok tippermetti li l-appellanta titlob lill-Pulizija għal kopja tal-fedina penali, u mhux tistrieħ fuq il-kondotta tal-applikant, u fit-tieni lok ma tispeċifikax it-terminu ta' żmien fejn sentenzi m'għandhomx jibqgħu jgħoddu bħala strument ta' skwalifika. L-appellanta qalet li m'hemm xejn redikolu li l-Gvern ta' Malta jikkrea u jħaddan *policies* sabiex jirregola l-pożizzjoni ta' *failed asylum seekers,* u l-Bord m'għandux jesprimi ruħhu dwar kif għandha tiġi applikata l-*policy* jew kif għandha titħaddem. Qalet ukoll li qabel daħlet fis-seħħ il-*policy* l-ġdida fl-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiskwalifika lill-appellat abbażi ta' din is-sentenza ta' priġunerija, u l-appellanta dejjem imxiet skont il-*policies* viġenti skont iż-żmien meta saru  l-applikazzjonijiet rispettivi.

13. B'riferiment għat-tieni konsiderazzjoni, jiġifieri fejn il-Bord ikkonsidra li r-rikorrent ma kienx jissodisfa t-termini ta' skwalifika ta' din il-*policy,* l-appellanta qalet li l-interpretazzjoni tal-*policy* li saret mill-Bord hija skorretta. Qalet li d-*disqualification criteria* tal-*policy* tal-2020 jipprovdu li,

> *"Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status. The Police Authorities shall be consulted to advise on the Fedina Penali of each applicant before an SRA status is granted."*

14. L-appellanta qalet li l-Bord qasam din l-iskwalifika fi tnejn meta huwa evidenti li t-tieni linja f'dan il-paragrafu qegħda biss tispjega f'aktar dettall dak miktub fl-ewwel linja. L-appellanta qalet li l-Bord kien skorrett meta kkonsidra li sabiex tapplika t-tieni linja fil-paragrafu ċċitat, il-persuna ma tridx tkun applikat għall-*SRA status.* Żiedet tgħid li huwa żbaljat li wieħed jinterpreta dan il-paragrafu tal-*policy* bħala li s-sentenza ta' sena priġunerija għandha tiskwalifika lill-applikant meta din tingħata wara li l-applikant ikun diġà intavola l-applikazzjoni tiegħu. Qalet li kieku din hija l-interpretazzjoni l-korretta li għandha tingħata, il-*policy* tkun qegħda tiġi interpretata b'mod dejjaq, u s-sentenza in kwistjoni trid tkun ingħatat f'dak il-perijodu verament qasir bejn l-intavolar tal-applikazzjoni tal-applikant, u d-data tal-ħruġ tal-permess. L-appellanta qalet ukoll li l-Bord m'għandux ikollu l-funzjoni li jinterpreta l-*policy* b'mod dejjaq sabiex isalva l-applikazzjoni tar-rikorrent. Qalet li l-Bord għandu jara li l-*policy* qegħda tiġi applikata b'mod kostanti bla diskriminazzjoni, iżda mhux li jiżviluppa prinċipji ġodda fil-*policies* tal-awtoritajiet. Żiedet tgħid li bħala prassi, hija ma tippreżentax kopja tal-fedina penali tal-applikant b'mod leġġer bħala evidenza fi proċeduri ta' natura ċivili, li bħala regola huma aċċessibbli għall-pubbliku. Qalet li kieku l-Bord kellu xi dubju dwar il-veraċità tal-kontenut tal-fedina penali kif deskritt minnha, dan seta' jirregola l-proċedura tiegħu stess u seta' jitlob li tali prova tiġi ppreżentata in atti. L-appellanta qalet li hija kienet għamlet suġġeriment fir-risposta tagħha li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni

jixhed dwar il-kontenut tal-fedina penali, iżda l-Bord għażel li ma jismax din ix-xhieda. L-appellanta kompliet tgħid li hija dejjem kienet lesta li taderixxi ma' kull ordni tal-Bord, u qalet li għadha disposta li tagħmel dan anki f'dan l-istadju.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

15. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li Identity Malta Agency m'għandhiex l-interess ġuridiku tinterponi dan l-appell minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Preliminarjament ukoll, l-appellat eċċepixxa li skont l-artikolu 27(2) tal-Kap. 595, ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-appellanta għandha tkun vestita fl-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tagħha, jew f'dak l-uffiċjal tal-appellanta li l-Ministru responsabbli għall-aġenzija jista' minn żmien għal żmien jaħtar b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u qal li għalhekk ir-rikors tal-appell tiegħu kellu jiġi intavolat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-appellanta bħala r-rappreżentant legali tagħha u mhux mill-Avukat tal-Istat. In via preliminari ukoll, l-appellat saħaq li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju u jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appellat qal li l-benefiċjarji tal-i*Specific Residence Authorisation (SRA)* jinsabu leġittimament fit-territorju tal-Istat Malti, u għalhekk din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' dan l-appell. L-appellat saħaq li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

16. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa u dan għaliex l-SRA li huwa applika għaliha hija forma ta' permess ta' residenza li jaqa' taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 217 u għalhekk

jaqa' taħt il-kompetenza tal-Bord. Qal ukoll li l-liġi speċifikament tgħid, taħt is-sub-artikolu 5 tal-artikolu 25A tal-Kap. 217, li kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni tal-awtorità kompetenti taħt regolamenti magħmula taħt it-Taqsima III, jew bis-saħħa tal-artikolu 7, 14 jew 15 tal-Att, tista' tappella minn dik id-deċiżjoni u l-Bord ikollu kompetenza jisma' u jiddeċiedi dak l-appell. L-appellat qal li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tal-appellanta, u huwa għalhekk li intavola appell minnha quddiem il-Bord. Qal li l-appellanta qegħda tirrifjuta applikazzjonijiet bħal tiegħu mingħajr ma tapplika prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-prinċipju tal-proporzjonalità. L-appellat qal li l-Bord huwa mniżżel taħt il-lista ta' tribunali amministrattivi li għandhom jimxu skont il-prinċipji ta' imġiba amministrattiva tajba taħt l-Iskeda Numru 1, tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li wieħed mill-prinċipji ta' ġustizzja amministrattiva huwa li kull deċiżjoni li tittieħed minn awtorità amministrattiva għandha tirrispetta l-prinċipju ta' smigħ xieraq.

17. L-appellat qal li anki t-tieni aggravju tal-appellanta għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu. Qal li d-data tal-25 ta' Novembru, 2021 mhijiex id-data tan-notifika tar-rifjut tal-appellanta, u l-appellanta ma ppreżentat l-ebda evidenza tad-data attwali tan-notifika. Qal li mhux minnu li l-appell imressaq minnu quddiem il-Bord kien *fuori termine,* u t-terminu stipulat fl-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 ma kienx applikabbli, peress li l-appell ġie intavolat *ai termini* tal-artikolu 7 tal-Att. Qal li t-terminu previst fl-artikolu 7(4) tal-Kap. 217 huwa ta' għaxart ijiem minn meta wieħed jiġi infurmat bir-revoka tal-permess ta' residenza, u b'hekk l-appellat kien għadu fit-terminu previst mil-liġi meta ippreżenta l-appell tiegħu quddiem il-Bord.

18. B'riferiment għat-tielet aggravju mressaq mill-appellanta, l-appellat qal li hija prassi ben magħrufa tal-Bord, li minħabba t-terminu qasir li għandhom l-applikanti sabiex jippreżentaw appell, jimlew formula *standard* fejn jiddaħħlu d-dettalji tagħhom u tiġi ppreżentata d-deċiżjoni li qed tiġi appellata, u sussegwentement l-applikanti jingħataw terminu ta' ħmistax-il jum sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet u l-evidenza tagħhom quddiem il-Bord. Qal li din il-proċedura ma tiġix applikata biss fil-każ ta' appelli minn permessi ta' residenza, iżda wkoll fir-rigward ta' appelli minn deċiżjonijiet dwar *age assessments,* appelli minn ordnijiet ta' detenzjoni u anki minn ordnijiet ta' tneħħija. Qal li l-Bord jirregola l-proċedura tiegħu stess u dan mhuwiex qorti superjuri, u għalhekk mhux marbut bl-istess formalitajiet. L-appellat qal li huwa ressaq l-appell tiegħu kif rikjest mill-Bord fl-10 ta' Diċembru, 2021, u dan l-appell ġie aċċettat mir-Reġistru tal-Bord. Qal li fl-24 ta' Diċembru, 2021, huwa ppreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bid-dokumenti. Qal ukoll li fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord kien fil-limiti tal-kontestazzjoni tal-appell, u ma wessgħax it-talba mressqa mill-appellat, kuntrarjament għal dak ilmentat mill-appellanta. L-appellat qal li l-appell ippreżentat minnu mhuwiex null għaliex dan sar skont il-prassi tal-Bord, u r-Reġistru tal-Bord bagħtu lill-appellanta, u għalhekk mhuwiex minnu li l-appellanta ma kellhiex aċċess għas-sottomissjonijiet tal-appellat. Qal li l-appellanta ngħatat kopja tas-sottomissjonijiet tiegħu, kif ikkonfermat mir-rappreżentant tal-appellanta fl-*email* tas-26 ta' Jannar, 2021, u għalhekk l-appellanta kellha kull opportunità tippreżenta r-risposta tagħha skont il-liġi. L-appellat qal li għalhekk mhux minnu li l-appellanta ma kellhiex opportunità biżżejjed sabiex tressaq id-difiża tagħha, u għalhekk it-talba tagħha sabiex l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord għandha tiġi miċħuda. L-appellat qal ukoll li n-

nuqqasijiet tar-Reġistru tal-Bord ma jirrigwardawx punti ta' liġi, u għalhekk għandhom jitqiesu li huma fiergħa u vessatorji.

19. B'riferiment għar-raba' aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li l-appell preżenti sar *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Lġijiet ta' Malta, li jagħti dritt għall-appell minn deċiżjoni tal-Bord fuq punt ta' liġi biss, u żied jgħid li dan l-aggravju bl-ebda mod ma jolqot kwistjoni dwar punt ta' liġi. Qal li t-terminu tal-kundanna li ngħatatlu ma baqax irreġistrat fir-Reġistru tal-Kundanni Kriminali, u sentenza ta' tlettax-il sena ilu m'għandhiex tiskwalifikah mill-permess ta' residenza, meta dan l-istess SRA ngħata ferm wara l-imsemmija kundanna tal-appellat. Qal li huwa minnu li meta aġenzija tal-Gvern toħloq *policy,* din għandha l-mansjoni li tapplikaha. Qal ukoll li ebda *policy* ma tissupera d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea, u fil-każ odjern l-appellanta ma ġabet l-ebda prova li turi li l-appellat instab ħati u ġie kkundannat għat-terminu ta' priġunerija msemmi. Qal ukoll li l-kriterji ta' skwalifika għall-kisba tal-SRA li nħarġu bil-*policy* tal-2020, ma jistgħux jiġu applikati b'mod retroattiv għaliex dan imur kontra l-prinċipju amministrattiv taċ-ċertezza legali, tal-aspettattiva leġittima u joħloq preġudizzju inġust fil-konfront tiegħu. L-appellat qal li bid-deċiżjoni tagħha ta' rifjut lill-individwi li kienu jibbenefikaw minn dan il-permess ta' residenza, fosthom hu u mijiet ta' individwi oħra bħalu, l-appellanta qegħda gradwalment telimina l-SRA bi ksur tad-drittijiet fundamentali ta' dawn l-individwi, billi tqiegħed persuni bħall-appellat u l-familja tiegħu f'sitwazzjoni ta' faqar u esklużjoni soċjali, mingħajr aċċess għad-drittijiet li kien intitolat għalihom wara li kien ilu f'Malta diversi snin.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

20. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat. Imma qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, il-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet preliminari imqajjma mill-appellat. L-ewwel eċċezzjoni tal-appellat hija li l-Identity Malta Agency m'għandhiex l-interess ġuridiku rikjest sabiex tressaq appell mid-deċiżjoni tal-Bord, u dan minħabba li deċiżjonijiet dwar permessi ta' residenza jittieħdu mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Espatrijati. Il-Qorti tfakkar li l-proċeduri kollha sa dan l-istadju dejjem kienu bejn l-appellat u l-appellanta bħala l-aġenzija li ħadet id-deċiżjoni dwar il-permess li applika għalih l-appellat. Tfakkar ukoll li fi proċeduri ta' din ix-xorta, fejn waħda mill-partijiet tkun dipartiment jew aġenzija tal-Istat li mhux neċessarjament għandha uffiċjali legali impjegati magħha, spiss jiġri li jkun l-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat li jirrappreżenta lill-Gvern u lill-organi tiegħu, kif fil-fatt jiġri fil-każijiet kollha li tkun involuta fihom l-appellanta. Il-Qorti ma tistax tiddeċiedi li dan l-appell huwa wieħed fieragħ u vessatorju qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanta, u għalhekk qegħda tirriserva li tiddeċiedi dwar din l-eċċezzjoni preliminari wara li tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha dwar l-aggravji tal-appellanta.

21. Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tindirizza l-aggravji kollha mressqa mill-appellanta. Però qabel xejn il-Qorti tirrileva li każijiet ta' din ix-xorta jolqtu persuni fl-aktar aspetti fundamentali ta' ħajjithom. L-appellat, persuna min-

Niġerja, li wasal Malta illegalment u applika għall-ażil, għadd ta' snin wara li ngħata permess biex jgħix u jaħdem f'Malta b'mod leġittimu fejn bena l-familja tiegħu, ġie infurmat li huwa ma kienx qiegħed jingħata permess biex ikompli jgħix f'Malta għaliex m'għadux jikkwalifika għal tali permess wara tibdil fil-*policy* applikabbli. Fis-snin kollha li l-appellat ilu jgħix f'Malta, huwa ħadem hawnhekk, u anki attenda korsijiet fil-lingwa sabiex ikun jista' jintegra ruħhu f'Malta bl-aħjar mod. Din il-Qorti tqis li l-ebda persuna ma tħalli l-pajjiż tal-oriġini tagħha u tfittex futur aħjar f'pajjiż imbiegħed u li dwaru taf ftit li xejn, jekk mhux għaliex is-sitwazzjoni f'pajjiżha tkun waħda vera kritika.

*L-ewwel aggravju:* *dwar il-kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni*

22. L-appellanta ssostni li l-Bord m'għandux kompetenza li jisma' dan l-appell, li jittratta *policy* mfassla mill-Gvern ta' Malta, u dan għaliex il-kompetenza tal-Bord testendi biss għal appelli u applikazzjonijiet li jsiru *ai termini* tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' regolamenti magħmula taħtu, jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra. Tgħid li ladarba l-*policy* in kwistjoni ma tikkwalifikax bħala xi disposizzjoni tal-Att, jew ta' regolament taħtu, u lanqas m'hija disposizzjoni ta' xi liġi oħra, il-Bord ma kellux il-kompetenza li jisma' l-appell imressaq quddiemu mill-appellat.

23. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-interpretazzjoni tal-appellanta. L-appellat talab għat-tiġdid tal-*SRA status* li kien kiseb bis-saħħa tal-fatt li għal diversi snin huwa kellu Protezzjoni Umanitarja, u dan l-i*status* huwa tip ta' permess ta' residenza li jaqa' taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sub-inċiż 5 tal-artikolu 25A tal-Kap. 217 jagħmilha ċara li kull persuna li tħossha aggravata b'xi deċiżjoni tal-awtorità kompetenti magħmula taħt it-Taqsima III, jew bis-saħħa tal-artikolu 7, 14 jew 15 tal-Att, tista' tappella minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Bord. Barra minn hekk, l-appellanta fit-tieni aggravju tagħha, tagħmel riferiment għas-sub-inċiż (7) tal-istess artikolu tal-liġi sabiex issostni li l-appell imressaq mill-appellat quddiem il-Bord sar *fuori termine,* li jfisser li bit-tieni aggravju tagħha l-appellanta qegħda impliċitament tirrikonoxxi li l-appellat kellu jedd ta' appell taħt is-sub-inċiż (5) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217. Għalhekk tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *l-appell sar* fuori termine *għaliex kien hemm tardività fil-preżentata tal-appell quddiem il-Bord*

24. L-appellanta tgħid li t-terminu impost bl-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 ma ġiex osservat, u għalhekk l-appell quddiem il-Bord sar tardivament. L-appellanta tgħid li skont l-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217, kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għall-appell, mentri l-appellat ippreżenta l-appell tiegħu diversi ġranet wara.

25. L-appellat qal li l-appellanta ma ressqet l-ebda prova dwar meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru, 2021. Mill-atti ma tirriżultax il-ġurnata li fiha l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellanta, u dan il-fatt huwa problematiku ferm quddiem sitwazzjoni fejn il-Qorti tinsab iffaċċjata b'aggravju li jinċidi fuq l-ordni pubbliku, jiġifieri jekk appell quddiem Bord ġiex ippreżentat entro t-terminu stipulat mil-liġi jew le. Madanakollu mhuwiex ġust li jitqies li l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellanta dakinhar stess li

din id-deċiżjoni ngħatat, u dan għaliex deċiżjonijiet bħal dawn ma jingħatawx bil-miftuħ, u milli jirriżulta lil din il-Qorti, lanqas m'huma deċiżjonijiet li jintbagħtu bil-posta reġistrata. Din il-Qorti, kif diġà kellha l-opportunità li tosserva f'diversi sentenzi oħra, fir-rigward ta' notifiki tad-deċiżjonijiet tal-appellanta, m'hemmx *parity of arms* bejn il-partijiet involuti, u dan għaliex deċiżjonijiet bħal dawn ma jingħatawx fil-miftuħ, iżda jiġu nnotifikati lill-applikant ikkonċernat bil-posta, u huwa raġonevoli li jingħad li l-applikant ma jkollu l-ebda ħjiel dwar id-data meta ser tittieħed id-deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu, u għalhekk, kuntrarjament għad-deċiżjonijiet li jingħataw mill-Bord per eżempju, ma jkollux mod kif isegwi d-deċiżjoni dakinhar li tingħata. Din il-problema tista' tiġi parzjalment sorvolata jekk l-appellanta tibda tibgħat dawn l-ittri imqar bil-posta reġistrata sabiex ikun hemm traċċabilità dwar meta d-deċiżjoni tagħha tiġi notifikata lill-persuna kkonċernata, għalkemm anki hawnhekk il-Qorti tifhem li jista' jkun hemm bosta diffikultajiet prattiċi. Min-naħa l-oħra, filwaqt li huwa minnu li l-liġi tgħid li l-appell għandu jsir fi żmien tliet ijiem minn meta tingħata d-deċiżjoni, il-Qorti għandha tħassib serju dwar x'jiġri f'każ li l-applikant jibqa' mhux notifikat bid-deċiżjoni fi żmien dawk it-tliet ijiem, u tali deċiżjoni tasal għandu wara li jkun għalaq it-terminu stipulat għall-appell. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn taħseb li l-appellat kien traskurat fil-mod kif ħa ħsieb l-affarijiet tiegħu, għaliex il-provi juru li dan għamel dak kollu li seta' biex jintegra ruħhu fis-soċjetà Maltija, u biex ikun denju tal-permess ta' residenza u tal-permess ta' xogħol li ngħatawlu. In vista tan-nuqqas ta' prova dwar id-data meta l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellanta, il-Qorti qegħda tqis l-allegazzjoni tal-appellanta bħala li mhijiex ippruvata, u għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju: in-nullità tal-appell ippreżentat quddiem il-Bord*

26. L-appellanta tgħid li l-appell li l-appellat ippreżenta quddiem il-Bord kellu jitqies li huwa null, u dan għaliex l-ewwel darba li l-appellat wera l-intenzjoni li jappella mid-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tiegħu, huwa għamel dan billi mela *formula* li m'għandhiex il-forma ta' rikors u lanqas ma fiha l-aggravji jew ir-raġunijiet li fuqhom l-appellat kien qiegħed jibbaża l-appell tiegħu. L-appellanta qalet li hija qatt ma ngħatat kopja tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat, u għalhekk hija kellha tiddefendi d-deċiżjoni tagħha mingħajr ma kienet edotta mill-aggravji mressqa mill-appellat quddiem il-Bord.

27. Il-Qorti tqis li b'dan l-aggravju l-appellanta mhijiex qegħda tħossha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord jew b'xi azzjoni li seta' għamel l-appellat, iżda qegħda toġġezzjona għall-proċedura li jadotta l-Bord. Il-Qorti hija konxja tal-fatt li kull meta persuna turi l-intenzjoni li tappella minn xi deċiżjoni tal-appellanta, in vista tat-terminu qasir ferm li persuna għandha biex tappella mid-deċiżjoni, l-ewwel parti tal-proċedura tinvolvi l-mili ta' formula li permezz tagħha l-appellant juri l-intenzjoni li jappella. Għal raġunijiet prattiċi, l-appellant jingħata terminu ta' żmien itwal sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, fejn jispjega r-raġunijiet għall-appell tiegħu. Huma dawn is-sottomissjonijiet li saru mill-appellat li l-appellanta tgħid li baqgħu qatt ma ġew notifikati lilha. Minħabba dan in-nuqqas iżda, ċertament li m'għandux jiġi ppreġudikat l-appellat. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellanta kienet infurmata bil-formola li mela l-appellat sabiex juri l-intenzjoni tiegħu li jappella mid-deċiżjoni tal-appellanta. F'każ li l-appellanta riedet tinforma ruħha dwar ir-raġunijiet għall-appell tal-appellat, din kellha tagħmel dak kollu possibbli sabiex tikseb kopja tas-sottomissjonijiet

magħmula minnu. Din il-Qorti tosserva li rappreżentanti tal-appellanta jidhru quddiem il-Bord diversi drabi matul il-ġimgħa, u għalhekk ċertament li ma kien hemm l-ebda diffikultà biex tintalab kopja tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tqis dan l-aggravju bħala wieħed fieragħ, u tiċħdu wkoll.

*Ir-raba' aggravju:* *l-applikazzjoni tal-*policy

28. L-appellanta tgħid li l-Bord applika l-*policy* b'mod żbaljat, meta kkonsidra li sentenza ta' diversi snin ilu ma kellhiex taffettwa l-iskwalifika tal-appellat, kif ukoll meta l-Bord ikkonsidra li bl-applikazzjoni tal-*policy* in kwistjoni, l-appellat ma kellux jiġi skwalifikat. L-appellanta qalet li ma kinitx hi li fasslet il-*policy,* iżda hija qegħda biss tapplikaha. Qalet li qabel it-tibdil fil-*policy* fl-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiskwalifika lill-appellat abbażi ta' sentenza ta' priġunerija li ngħatat aktar minn għaxar snin ilu. L-appellanta saħqet li l-Bord ma kellux jaqsam il-*policy* fi tnejn sabiex qies li t-tieni linja tal-*policy* b'xi mod għandha tiġi applikata b'mod distint u separat mill-ewwel linja tagħha. Qalet ukoll li hija kienet awtorizzata titlob il-fedina penali tal-appellat sabiex tkun tista' tiddetermina jekk dan jikkwalifikax għall-i*status* li applika għalih.

29. Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dawn il-lanjanzi mqajma mill-appellanta, u filwaqt li ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Bord li t-tieni linja tal-*policy* għandha tapplika b'mod distint u separat mill-ewwel linja tagħha, madanakollu hemm għadd ta' osservazzjonijiet li jeħtieġ li isiru. Fl-ewwel lok irid jingħad li l-appellat kien qiegħed japplika għal tiġdid tal-i*status* tiegħu wara li fis-snin ta' qabel huwa kkwalifika għall-Protezzjoni Temporanja, u meta ddaħħal il-kunċett

ta' *Specific Residence Authorisation,* huwa ngħata dan l-i*status* awtomatikament, billi ġie meqjus li kien eliġibbli għalih abbażi tal-protezzjoni li kien ingħata preċedentement. Wara li ngħata l-*SRA status* għall-ewwel darba, l-appellat kellu japplika għal tiġdid ta' dan l-i*status,* iżda minkejja li fid-drabi ta' qabel ma kien hemm l-ebda problema sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi pproċessata u jingħata l-permess ta' residenza, l-appellanta applikat il-*policy* kif aġġornata fl-2020 sabiex qieset li sentenza ta' priġunerija li kienet ingħatat fil-konfront tal-appellat aktar minn għaxar snin qabel, kellha tiskwalifikah milli jkollu l-*SRA status* imġedded.

30. Il-Qorti tagħmel riferiment għall-kliem użat fil-*Policy regarding Specific Residence Authorisation (Updated Policy – October 2020),* fejn qari akkurat tal-provvedimenti ta' din il-*policy* jwassal għall-konklużjoni li din il-*policy* hija ntiża għal applikanti ġodda għall-*SRA,* u l-*policy* kif aġġornata mhijiex maħsuba biex tapplika wkoll għal min jitlob biex iġedded l-*SRA* li kien ingħata qabel, bħal fil-każ odjern. Hekk per eżempju taħt it-Taqsima '*Definition and Content',* il-*policy* in kwistjoni tgħid illi:

> "*Persons whose application for international protection has been finally rejected by the relevant asylum determination authorities may be granted a Specific Residence Authorisation after an assessment based on the criteria and guidelines outlined below has been carried out by Identity Malta in cooperation with the immigration authorities."*

31. Taħt il-parti '*Disqualification Criteria'* imbagħad il-*policy* tagħmel ukoll riferiment għal applikanti għall-i*Specific Residence Authorisation,* u tgħid f'liema ċirkostanzi dan l-i*status* ma jingħatax. Iżda l-*policy* imkien ma tgħid li dawn il-kriterji għandhom japplikaw ukoll għal min kien ingħata l-permess

preċedentement u japplika biex iġedded il-permess li kien ingħata. Taħt il-parti intestata '*Renewal of the SRA status'*, il-*policy* tgħid hekk:

> "*For the status to be renewed, applicant should apply two months prior to the expiry date of the residence permit, provided that evidence of residence in Malta for the previous two years, and of employment for a minimum period of not less than nine (9) months per year prior to submission of application, is included with the application.*"

32. Il-*policy* imkien ma tgħid li applikazzjoni għal tiġdid trid tiġi evalwata bil-mod kif ġiet evalwata l-applikazzjoni tal-appellat. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li mhuwiex raġonevoli li meta l-*policy* hija daqstant ċara dwar x'għandu jsir meta jkun hemm applikazzjoni għal tiġdid ta' permess, l-interpretazzjoni tal-appellanta tkun li għandhom jiġu applikati kriterji ta' skwalifika li ddaħħlu fil-*policy* riċentement. Dan ikun ifisser li persuni li qegħdin f'Malta b'mod leġittimu bis-saħħa ta' permess ta' residenza li kien ingħatalhom fil-passat, wara li ġie deċiż mill-awtoritajiet tal-pajjiż li dawn kienu jikkwalifikaw għalih, issa jispiċċaw bil-permess tagħhom mhux imġedded abbażi tal-applikazzjoni ta' *policy* li għandu jirriżulta li tfasslet biex tirregola applikazzjonijiet ġodda u mhux ukoll it-tiġdid ta' permessi diġà mogħtija. L-appellat għandu raġun jgħid li huwa kellu l-aspettattiva leġittima li l-applikazzjoni tiegħu ser tiġi milqugħa u tiġġedded, għaliex l-ewwel darba li huwa ngħata l-Protezzjoni Temporanja, u sussegwentement applika u ngħatat l-*SRA status*, ma kien hemm l-ebda problema għalih biex jikkwalifika għal dan l-i*status.* Il-Qorti ma tistax taċċetta li persuni li ilhom jgħixu f'Malta diversi snin, li jaħdmu, li jagħmlu l-aħjar tagħhom biex jintegraw, li kellhom l-i*status* tagħhom regolarizzat bl-applikazzjoni tal-kriterji applikabbli, sussegwentement jintalbu jħallu l-pajjiż għaliex l-appellanta

ddeċidiet li *policy* li ġiet aġġornata fl-2020 għandha tibda tapplika anki għal dawk li qegħdin jitolbu li jġeddu l-permess ta' residenza tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet tqis li dan ir-raba' aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, imma għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**